Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 211/2002

Il-Pulizija
(Spettur N. Ciappara)
Vs
Kenneth Zammit

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fil-15 t'April, 2000 u f'dik is-sena :

1) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) kif ukoll talli bejn il-15 t'April 2000 u l-11 t'April 2000 kellu l-istess raza fil-pussess tieghu f'tali cirkostanzi li juru li d-droga msemmija ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Settembru, 2002 li biha

wara li rat l-Artikoli 5 tal-Kap 152, 8 u 29 tal-Kap 101, sabet lill-imputat hati ta' pussess semplici u ghalhekk qeghditu taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl-1 t'Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma is-sejbien ta' htija fil-pussess, b'dan li ssib htija wkoll li din id-droga ma kienitx ghall-uzu esklussiv tal-appellat u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- filli l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi . Illi l-kriterji li hemm fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali ma gewx osservati . Bizzejjed li wiehed jirriferi ghal "jekk mix-xiehda ghandhiex mis-sewwa" . Illi l-kwantita' allarmanti tad-droga certament , bil-buon sens, ma tistax tigi konsidrata ghall-uzu personali biss . Hawn ghandna konsum ghal xhur u mhux kif normalment isir ghal granet . Illi ghalhekk l-interpretazzjoni korretta li kellha tinghata kienet dik dettata mill-buon sens u cioe' li dak l-ammont ta' droga ma kienx ghall-uzu personali biss

Ezaminat l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-prosekutur fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2002,

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Novembru, 2002 li biha esebixxa kopja aggornata tal-fedina penali tal-appellant ;

Rat in-Nota tal-appellat tal-20 ta' Novembru, 2002 li biha esebixxa veri kopji ta' sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduti

Rat l-ordni Taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza .

Ikkunsidrat ;

Illi  dan l-appell hu mid-dikjarazzjoni tal-Ewwel Qorti fir rigward  ta’ sejbien ta’ htija biss taht l-ewwel imputazzjoni izda ta’ nuqqas ta’ htija tat-tieni mputazzjoni ta’ pussess ta’ raza mehuda mill-pjanta cannabis f’ tali cirkostanzi li juru li din id-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu ;

Illi  dan l-appell ghalhekk jimpernja ruhu  principalment fuq kwistjoni ta’ apprezzament tal-fatti  li gja ghamlet l-Ewwel Qorti . Illi llum hija  gurisprudenza kostanti li  din il-Qorti bhala Qorti ta’ revizjoni  biex tasal biex tvarja sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti trid tezamina jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun  waslet ghaliha fuq il-provi migjuba quddiemha . Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti  izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha.  Fi kliem iehor  din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm ma thoss li l-konkluzzjoni taghha kienet wahda “unsafe and unsatisfactory”  (Ara. App. Krim. Pulizija vs. Raymond Psaila et”  [12.5.94] ;  Pulizija vs. Emmanuel Mifsud [11.7.94]; Pulizija vs. Joseph Zahra  [10.5.2002] u ohrajn )

Illi wara li ghamlet l-ezami approfondit tal-provi migjuba w traskritti quddiem l-Ewwel Qorti,  kif obbligata li taghmel, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet :-

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali  “Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri” [2.9.1999] :

***“Huwa veru , kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha , li meta l-ammont ta’ droga ikun pjuttost sostanzjali , din tista’ tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa l-Qorti  li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati.”***

Pero’ dik il-Qorti ziedet tghid :-

***“Fil-kaz in dizamina , pero’ , din il-Qorti hi tal-fehma li , tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz , l-ewwel Qorti***

***ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , u cioe' li l-pussess in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant ."***

Illi f'dak il-kaz si trattava ta' blokka raza tal-cannabis tizen 179.8 grammi.

Illi umbaghad fl-appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Emmuel Delia et" [3.3.1997] din il-Qorti diversament preseduta kienet irriteniet li l-pussess ta' disa' pilloli "ecstasy" u disa qratas tal-kokaina ghand wiehed mill-appellanti , la individwalment u lanqas flimkien , ma jistghu jigu konsidrati bhala cirkostanza li tindika li d-droga in kwistjoni kienet intiza ghall-ispacc.

Illi jidher ghalhekk li din tibqa kwistjoni ta' fatt li trid tigi deciza minn kull gudikant skond il-konvinciment morali tieghu, wara li jkun ghamel apprezzament dettaljat tal-fatti kollha w c-cirkostanzi tal-kaz .

Issa fil-kaz in ezami , fejn si trattava ta' zewg blokki raza tal-cannabis tal-piz komplessiv ta' 151 .7 grammi skond kif irrizulta mir-rapport ta' l-Ispizjar Mario Mifsud , (dok.MM) ,u li hu kien xtara f'zewg okkazzjonijiet bil-prezz ta' LM170 u l-ohra xi LM150 rispettivament , din ic-cirkostanza ma kienetx akkompanjata minn xi prova ohra li tista' tindika anki b'mod indirett u cirkostanzjali li kienet intiza ghall-ispaccjar . Kif osservat l-Ewwel Qorti , ma instabitx maqsuma w diviza f'kwantitajiet izghar li b'xi mod jindikaw li kienet lesta biex tigi zmercjata w distribwita. Lanqas kien hemm xi xiehda ta' persuni li qalu li akkwistaw din it-tip ta' droga minnghand l-appellat f' cirkostanzi jew okkazzjonijiet vicini ghas-sejba tad-droga. Jidher ukoll li l-Ewwel Qorti accettat bhala verosimili l-ispjegazzjoni tal-appellat li hu kien xtara din il-kwantita' ghax sab prezzha "a buon mercato" u li kien hbiha fil-karozza hdejn il-batterija biex ma jhallihiex fid-dar tal-genituri tieghu . Imma dana jibqa'dejjem entro il-kwistjoni tal-apprezzament ta' fatt li l-Ewwel Qorti kienet libera li taghmel u li jidher li kellha kull dritt li taghmel anki

legalment fid-dawl tal-gurisprudenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta fuq citata.

Ghalhekk din il-Qorti , trattandosi ta’ apprezzament ta’ fatt , ma thossx li ghandha tiddisturba il-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi , qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------